SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMIENJA**

**8 ta' Frar, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo, l-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membri Janet Barthet, Alfred Mangion u Robert Vella Bonnici

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo ppresjeda.

**8.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

8.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tas-seba' laqgħa tal-Kumitat.

8.1.2 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

8.1.3 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tas-seba' seduta kif imressqa.*"

8.1.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Membru Janet Barthet u approvata unanimament.

8.1.5 Dwar minuta 7.3.2 u 7.3.5, iċ-*Chairperson* semma li TM baqgħet ma tat l-ebda risposta dwar il-*bollards* għal Triq Antonio Schembri, fejn kien hemm qbil sabiex din l-awtorita' tasal tagħti risposta definita fuq l-applikazzjoni li kienet sottomessa mill-Perit tal-Kunsill.

8.1.6 Kien hemm qbil li jinbeda wkoll il-proċess sabiex toħroġ is-sejħa għal kwotazzjonijiet għal dan il-proġett.

**8.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson***

8.2.1 Iċ-*Chairperson* għarraf lil Kumitat bl-attendenza ta' membri għal ftuħ tal-offerta għat-tisbiħ tal-ġnien Ġ.M. Camilleri.

8.2.2 Il-Kumitat qabel li l-Perit tal-Kunsill jiġi mitlub jagħti l-opinjoni tiegħu dwar *traffic management* fi Triq Birkirkara li jinkludi *pedestrian crossing*.

**8.3 Diskussjoni: Ilmenti dwar l-istat ta' Triq ir-Russett u Triq Wied Għollieqa**

8.3.1 Il-Kumitat ra żewġ ittri dwar ilmenti fuq toroq fejn kien hemm qbil li dawn jiġu trattati b'mawra fuq il-post wara laqgħa li ssir mal-Ispettur tal-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġwann.

**8.4 Diskussjoni: Rapport ta' Aġġudikazzjoni ta' offerta għat-tisbiħ ta' Ġnien Ġ.M. Camilleri**

8.4.1 Il-Kumitat kien ippreżentat bir-rapport tal-Perit tal-Kunsill dwar l-erba' offerti sottomessi sabiex isir titjieb fi Ġnien Ġ.M. Camilleri.

8.4.2 Il-Kumitat iddiskuta fit-tul ir-rakkomandazzjonijiet magħmula kif ukoll il-kontenut dwar il-validita' tal-offerti sottomessi.

8.4.3 Kien hemm qbil unanimu illi **"tintlaqa"** r-rakkomandazzjoni tal-Perit sabiex jiġi propost lil Kunsill **"~~li~~" "biex"** l-offerta tkun aġġudikata lis-Sur Ricky Caruana wara li dan jippreżenta *sample* tal-bankijiet proposti peress li dawn huma parti sostanzjali **"~~fin-~~" "min-"** nefqa tal-proġett **"~~kif ukoll~~" "peress"** li rriżulta diskrepanza kbira fil-

prezzijiet sottomessi minnu għal dawk stmati mill-Perit kif ukoll mill-prezzijiet tal-offerenti l-oħra.

**Emendata Laqgħa 9**

8.4.4 Kien ukoll inottat li s-sejħa tal-offerti kienet tinkludi dettalji u disinn speċifiku fuq tali bankijiet u għaldaqstant dan kien fattur importanti li jrid jiġi evalwat qabel issir l-aġġudikazzjoni tal-offerta.

8.4.5 Il-Kumitat ikkonsidra li ssir *shed* għal *bring-in site* li tinsab fl-akwati ta' Ġnien Ġ.M. Camilleri u qabel li jidħol f'negozjati ma' *Green MT* dwar din il-proposta.

8.4.6 Kien ukoll imsemmi il-ħtieġa li jkun hemm iktar preżenza tal-gwardjani ambjentali fi Triq il-Bilbla.

## 8.5 Diskussjoni: Laqgħa Annwali tal-Kappara

8.5.1 Il-Kumitat kien infurmat li l-laqgħa annwali tal-komunita' se ssir fit-22 ta' Frar, 2011 fis-6.30 ta' filgħaxija.

8.5.2 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **15 ta' Marzu, 2011**

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo<br>*Chairperson* | Adrian Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv |